# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 329/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**Omissis**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti, Omissis, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru X, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-31 ta' Awissu, 2012 ghall-habta ta' bejn it-3:30pm u l-4:45pm, gewwa Bormla, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunat il-mewt ta' bintha, RM;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-8 ta' Gunju, 2015 li biha sabet lill-appellanta hatja tal-imputazzjoni fit-termini tal-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kkundannatha ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal tliet (3) snin b'ordni ta' supervizzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Omissis, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Gunju, 2015 li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti **tirrevoka u thassar** s-sentenza appellata u minflok tiddikjaraha mhux hatja u tilliberaha kompletament skond il-ligi. **Alternattivament** u minghajr pregudizzju, joghgobha thassaraha fil-parti tal-piena billi minflok tkun imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellanta instabet hatja tal-qtil involontarju ta' bintha ta' disa' xhur wara li hallietha wahida gewwa banju b'ammont ta' ilma go fih waqt li kienet gewwa kamra ohra fuq il-computer fir-residenza ta' habiba taghha fejn kienet tkun ta' spiss. Missier it-tifla, li jghix separatament mill-appellanti, li dakinhar kellha biss 17-il sena, ghadda ghat-tifla fl-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar minflok fil-

hamsa kif miftiehem u meta cempel biex informaha li wasal u qaltlu li kienet gejja, harget minflok, tghajjat sabiex jitla' fl-appartament. Hemm sabha bit-tifla mitluqa f'idejha u minnufih hadha f'idu u telaq jigri biha l-klinika. Minn hemm ittiehdet l-Isptar fejn saru diversi interventi izda t-tifla ma rrispondiet ghall-ebda tentattiv u kienet dikjarata mejta;

2. Fl-ewwel aggravju taghha, l-appellanta inizjalment targumenta illi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u f'paragrafu iehor tressaq il-lanjanza illi qatt ma kellha tkun imputata bi ksur tal-artikolu 225(1) tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti serja qabel xejn titratta it-tieni parti tal-ewwel aggravju;

3. L-ewwel Qorti kienet ddisponiet mill-eccezzjoni rigward l-artikolu 225(1) fis-sentenza taghha b'ezitu sfavorevoli ghall-appellanta u f'din l-istanza l-appellanta qed issostni illi s-sentenzi hemm citati ma ghandhom l-ebda rilevanza ghal-kwistjoni odjerna u li dan l-artikolu tal-ligi japplika ghall-individwi inkarigati b'sengha, professjoni jew kwalifiki u mhux ghal-omm ta' 17-il sena li ma tehtieg l-ebda kwalifika;

4. L-artikolu 225(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> **<u>Kull min</u>, b'nuqqas ta' hsieb, bi trskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn erba' snin jew multa mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87)** Sottolinear tal-Qorti)

Dan l-artikolu jindirizza lil kull persuna minghajr distinzjoni u in-nuqqasijiet hemm ipotizzati huma lkoll indipendenti minn u mhux komplimentari ghal xulxin. Li dan l-artikolu dwar l-omicidju kolpus

huwa applikabbli biss ghal-persuni kwalifikati b'sengha jew professjoni kif tissugerixxi l-appellanta, bid-dovut rigward, hija tezi ghall-ahhar fierha.. L-artikolu huwa ugwalment applikabbli ghall-persuni kollha tas-socjeta' u jippunixxi sia lil dawk il-persuni li kawza taghhom sehhet involontarjament il-mewt ta' terz minhabba <u>nuqqas ta' hsieb</u> ("imprudence" fit-test Ingliz) jew inkella <u>bi traskuragni</u> ("carelessness") kif ukoll lil dawk il-persuni fl-esplikar ta' attivita partikolari meta dik il-mewt tkun kawza ta' <u>nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti</u> ta' dik il-professjoni;

5. L-artikolu 225(1) tal-Kap 9 huwa modellat fuq l-artikolu 371 tal-Codice Zandarelli li jipprovdi hekk:

> **<u>Chiunque</u>, per imprudenza, negligenza, ovvero per imperizia mella propria arte o professione, o per inosservanza di regolamenti, ordini o discipline, cagiona la morte di alcuno, e'puntio con la detenzjoni da tre mesi a cinque anni e con la multa da lire centro a tremila.** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Guristi awtorevoli Taljani, fosthom il-Carrara, Antolisei, Maino u Manzini, fl-annotazzjonijiet taghhom in tema, ma jikkummentaw xejn dwar l-applikabilita' ta' dan l-artikolu kif interpretat mill-appellanta u proprju ghaliex il-kelma "kullhadd" u "chiunque", ma tirrikjedi ebda spjegazzjoni u ma hi ristretta bl-ebda mod ghajr kif provdut mod iehor fil-Kodici Kriminali dwar min jista' jkun imputat b'reat. Notevoli, izda, il-kumment ta' Maino (Commento al Codice Penale Italiano – Vol Terzo – 1992 pp 284, n.1620) "*che ne' per inavvertenza, imprudenza o negligenza debba ritenersi imputabile* ***qualunque fatto dell'uomo, nel quale non siamo osservate le piu' sottili cautele del viveri civile****;* ne' per imperizia nell'arte o professione, o per inosservanza di regolamenti, discipline o doveri del proprio state, s'intenda ogni e qualunque devizanione dalle norme particolari o generali che

incombono al professionnionista od a qualsiasi cittadino. Ad ogni modo, le specificazioni adottate hanno il-pregio di una larga applicazione ed evitano il soverchio arbitrio che avrebbe il magistrato ove fosse seguito il sistema del codice toscano, che non da' alcuna definizione dell'omicidio colposo;

6. Illi ghalhekk it-tieni parti tal-ewwel aggravju kwantu dirett lejn l-inaplikabilita' tal-artikolu 225(1) tal-Kodici Kriminali ghall-persuni li ma humiex ta' professjoni jew ta' sengha qed ikun michud;

7. It-tieni aggravju jidher li huwa kontinwazzjoni tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju. Fit-tielet aggravju imbaghad l-appellanta targumenta illi l-prosekuzzjoni ma resqitx il-prova tal-kawza tal-gharqa tat-tarbija u kif minn ftit ilma dan il-banju spicca mimli. Il-Qorti hija tal-fehma li dawn l-aggravji jistghu ikunu konsiderati flimkien la darba huma mirati ghal-konvinciment li l-ewwel Qorti ma setghetx tasal biex issib htija fl-appellanta bil-fatti kif registrati in atti. Dwar dan jokkorri ezami approfondit tal-provi sabiex din il-Qorti tkun tista' tiggudika jekk l-ewwel Qorti setghetx, fuq dawk il-fatti, legalment u ragjonevolment issib htija fl-appellanta;

8. L-Ispettur Robert Said Sarreo xehed illi fil-31 t'Awwissu, ghall-habta tal-4.30pm, certu JG dahal jigri u jibki fl-Ghassa ta' Bormla u jinformah li kien ghadu kemm ha lit-tarbija tieghu ta' disa' xhur il-klinika ghaliex kienet gherqet gol-banju. Huwa acceda l-klinika fejn kien hemm it-tarbija taht il-kura ta' Dr. Marcel Tufigno li izda ma kienitx qed ticcaqqlaq u li mill-ewwel ittiehdet l-Isptar Mater Dei. Ix-xhud, flimkien mas-Supretendent Carmelo Bartolo, accedew fl-appartament minn fejn JG kien ha t-tarbija minn id ommha fejn innutaw li kien hemm banju mimli bl-ilma u fih kien hemm xi gugarelli u xi hmieg li kien jidher bhal remettar. Fill-kamra tas-sodda kien hemm computer mixghul u miftuh fuq Facebook bil-profile ta' Omissis fejn kien hemm xi *chat* ghaddejja ma' terz. Huwa informa lill-Magistrat tal-Ghassa u infethet inkjesta;

9. MG, omm JG, missier it-tarbija, xehedet illi dakinhar kellha tmur ghat-tarbija fil-5pm izda hi u binha ddeciedew li jmorru ghaliha qabel il-hin, fl-4.30pm. Malli waslu, MG cemplet lill-appellanta biex tnizzlilha lit-tarbija , harget mill-gallarija u qaltilha li kienet gejja izda wara ftit sekondi tismaghha twerzaq, tibki u taghti fuq wiccha u tghajjat: itilghu, itilghu. Malli telghet flimkien ma' binha raw lit-tarbija kwazi gharwiena u tidher gia mejta f'idejn ommha tibki u tghajjat. JG qabad it-tarbija u telaq jigri biha l-klinika;

10. JG xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti u sostanzjalment rrakonta dak li qalet ommu u kkonferma li hu ha t-tarbija minn id ommha. Dak il-hin it-tifla kienet imxarrba ghasra, mitluqa u kellha ghajnejha mbexxqin u madwarhom kien vjola. Jghid ukoll illi l-appellanta kienet taht il-kura ta' social worker u meta twieldet it-tifla l-istess social worker bdiet tiehu hsieb ukoll lit-tifla;

11. JB ta' tmintax il-sena qalet li ghall-habta tal-4pm l-appellanta dahlet bit-tifla fil-kamra tal-banju u waqt li t-tifla kienet fil-banju l-appellanta kienet qed thejji basket bil-hwejjeg ghal meta tghaddi ghaliha n-nanna taghha (tat-tifla). Waqt li t-tifla kienet fil-banju, l-appellanta kienet fuq *chat* fuq il-computer pero' ma tafx ma' min ghaliex dak il-hin kienet fil-kamra tas-sodda tlibbes lill-uliedha u f'daqqa wahda semghatha twerzaq u tghajjat li gherqitilha t-tifla. L-appellanta tefghet lit-tifla mal-art u bdiet tghafsilha zaqqa u ppruvat ttiha n-nifs. Xehedet ukoll illi t-tifla kienet titkaxkar mal-art pero ma kienitx titla fuq saqajha, qatt ma semghatha ccafcaf fl-ilma u fl-ebda hin ma semghatha tibki;

12. CC xehed illi dakinhar kien qieghed fuq *chat* mal-appellanta mis-1.30pm u l-ahhar messag li rcieva minghandha kien fl-4.26pm. Fil-konversazzjoni taghhom kienu qed jippjanaw biex imorru Gianpula fil-ghaxija u fl-ebda hin ma semmiet li kellha t-tifla maghha jew li kienet fil-banju. Fil-bidu tac-*chat* kien hemm pawza ta' madwar

tletin minuta dovuta ghal fatt li kellu ripensament u ma xtaqx jiltaqa' maghha izda xorta baqghu jitkellmu;

13. L-ispecjalista pedjatriku Dr. Stephen Attard xehed illi meta assista fl-emergenza fejn iddahhlet it-tifla l-isptar ra lit-team mediku mdawwar mat-tifla jamministra CPR . It-tifla ma kellhiex polz, kienet bajda karti u intubata biex tinghata nifs artificjali. Dr. Josella Fenech, ukoll specjalista fil-pedjatrija, rrakkontat dawn l-istess dettalji.

Xehedet ukoll in rigward Dr. Pharrah Debono, higher specialist trainee, li laqghet l-ambulanza u bdiet minnufih il-proceduri necessarji;

14. Dr. Marcel Tufigno ddeskriva kif ghall-habta tal-4.30pm kien hemm kommossjoni fic-Centru tas-Sahha ta' Bormla u ra ragel b'tarbija f'idejh mdawwar bin-nies. "Minnufih dhalna fit-treatment room u rajt li t-tarbija kienet fi stat gravi hafna. Fl-ebda hin ma nnotajt li kien hemm xi polz u lanqas rata ta' nifs u fil-fatt diga kellha kulur blu u mitluqa". Minnufih nbeda CPR u hareg ftit ilma minn halq it-tarbija izda ma rrispondietx ghal-proceduri ohra. Minn hemm akkumpanja lit-tarbija fl-ambulanza lejn l-isptar fejn baqa' jissomministra CPR b'mod kontinwu;

15. Dr. Bridget Ellul, nominata mill-Magistrat Inkwirenti sabiex taghmel ezami nekroskopiku fuq il-kadavru tat-tarbija, xehedet illi mill-awtopsja li ghamlet fuqha l-istess tarbija mietet mgharrqa;

16. Issa, ezami tar-ritratti mehuda mis-Scene of Crime Officers waqt l-inkjesta, juru li l-banju in kwistjoni kien mimli bl-ilma kwazi sax-xifer u precizament sal-*overflow* li jinsab biss ftit centimetri mix-xifer. Dwar dan xehed PS 1181 li rrakonta illi meta dahal fil-kamra tal-banju dan kien ghadu qed jimtela bl-ilma u kien imfawwar sa fuq bil-vit miftuh. Fl-istess appartament kien hemm computer mixghul u miftuh fuq Facebook b'*chat* ghaddejja ma' certu CT mis-13.29pm. Minn ezami ta' dak ic-chat irrizulta illi l-ewwel kuntatt sar fit-3.29pm

u segwa nofs siegha wara fl-4.07pm, fl-4.15, 4.16, 4.17, 4.18, 4.19, 4.20, 4.21, 4.22, 4.23, 4.25, 4.26, 4.29 u fl-ahharnett 4.38pm;

17. Dr. Steven Farrugia Sacco, nominat biex jezamina il-computer li nstab mixghul fl-appartament, accessa l-istess bil-*username* AAA u *password* provdut mill-Ispettur Robert Said Sarreo. Huwa kkonferma li fil-31 t'Awwissu, 2012 kienet saret c-*chat* ma' certu CT bejn it-3.30pm u l-4.30pm. Minn ezami tal-printouts mir-rapport ta' dan l-espert, jidher illi l-appellanta kienet ukoll fuq *chat* ma' persuna ohra li kienet ilha ghaddejja mis-1.19pm sal-3.34, f'konversazzjoni dwar ftehim biex jiltaqghu filghaxija.

18. Minn dan kollu jemergi illi fil-gurnata in kwistjoni, l-appellanta marret ghand il-habiba taghha, JB, u maghha kellha lil bintha ta' disa xhur. Fis-1.19pm bdiet konversazzjoni ma' terz fuq Facebook dwar jekk kienux ser jiltaqghu aktar tard filghaxija. Fl-ahhar ta' din ic-chat, qabdet konversazzjoni ohra ma' certu CT fit-3.30pm izda dwar din kien hemm pawsa ta' cirka tletin minuta. Ghall-habta tal-4pm l-appellanta qieghdet lit-tarbija fil-banju u ssokktat ic-*chat* ma' CT b'mod ininterrott mill-4.07pm sa 4.29;

19. Minn din ir-rassenja tad-deposizzjonijiet tal-aktar xhieda relevanti u l-fatti akkolti, jemergi *in primis* illi l-appellanta kellha l-pjena kura ta' bintha fil-hin ta' dan l-incident sfortunat. Din it-tarbija ta' disa' xhur ma kienitx ghadha timxi izda kienet fi stadju li titkaxkar mal-art. Hija tqieghdet f'banju u thalliet wahidha ghall-perjodu certament mill-4.07pm sal-4.29pm u jista' jkun facilment dedott illi marret fejn it-tarbija biex tigborha mill-ilma wara li n-nanna taghha cemplitilha biex tavzaha li wasslet kif miftiehem. Ma jistghax ukoll ikun konkluz mod iehor hlief li t-tarbija ma kienitx ghadha kemm gherqet ghaliex sakemm ittiehdet il-Klinika minn missierha f'affari ta' sekondi, ma kienet qed turi ebda sinjali ta' hajja;

20. Jibda biex jinghad illi jekk it-tarbija tqeghditx fi ftit centimetri ta' ilma jew jekk il-banju kienx vojt u thalla l-ilma jinzel sal- punt li lahaq ix-xifer jew jekk ghal xi raguni infetahx il-vit (li jinsab mwahhal mal hajt f'livell max-xifer tal-banju) b'intervent tal-istess tifla, haga din tal-ahhar remota tassew, kien id-dover tal-appellanta li ma thallix lill-bintha wahidha fil-banju. Hu risaput illi tarbija ta' dik l-eta' tista' facilment tghereq jekk tispicca wiccha l-isfel gewwa banju bi ftit centimetri ta' ilma u possibbli ukoll tghereq wiccha 'l fuq fl-istess kondizzjonijiet jekk tibla l-ilma u ma tkunx kapaci ddur biex tiehu n-nifs. Certament li ma setax ikun li t-tarbija ghamlet l-ewwel passi taghha f'banju bl-ilma u ghalhekk qed tkun skartata t-tezi tal-appellanta li dan si tratta ta' *casus;*

21. Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti strahet maggorment fuq l-insenjament tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Richard Grech tal-21 ta' Marzu, 1996 li ccitat dik fl-ismijiet Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli tal-4 ta' Frar 1961(App Krim). Ghalkemm is-segwenti bran kien citat mill-ewwel Qorti, ikun biss ta' beneficcju li jkun hawn ukoll riprodott tenut l-kjarezza fil-hsieb li huwa certament konducenti biex wiehed jifhem ahjar n-natura ta' dan ir-reat:

> **"Hu mehtieg ghall-konstituzzjoni tar-reat involontarju skond l-Art. 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti -- konsisteni <u>generikament</u> f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti -- li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita', minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament ta' htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe' illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta'**

**intelligenza, diligenza u sensibilita' normali, kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret" (Kollez. Deciz. Vol XLV.iv.870, 903) emfasi ta' din il-Qorti)".**

22. Rilevanti hafna u wisq drabi citat mill-Qrati taghna s-segwenti bran mis-sentenza Grech:

***"Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika – cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' xi kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari – taghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' ohrajn jigu pregudikati"***

23. Jinsenja ukoll il-Maino (*op. cit.* N. 1621 pp 285) :

**"Il-codice – nota molto opportunamente Impallomeni – raffigura la colpa nella imprudenza, negligenza, imperizia nella propria arte o professione – e imprudente e' colui che non e' prudente, non chi non e' prudentissimo: imperito chi non e' perito, non chi non e' peritissimo; occorrerebbero appunto tutti questi superlativi per l'incriminabilita' della colpa lievissima".**

24. Din il-gurisprudenza u dottrina ghalhekk tidher li titlob mill-gudikant ezami mhux biss ta' jekk il-fatt inniffsu huwiex, f'dan il-kaz, imprudenti jew negligenti, izda li jkun hemm sia in-ness bejn dik l-imprudenza u/jew negligenza u l-imputat kif ukoll li l-imputat ikun persuna ta' **intelligenza, diligenza u sensibilita' normali.** Inkwantu dan l-ahhar rekwizit, din il-Qorti ezaminat id-deposizzjoni

tal-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri, li ma kienx inkluz fir-rassenja tad-deposizzjonijiet aktar kmieni ghaliex deher opportun li ssir proprju f'dan l-istadju tal-kunsiderazzjonijiet. Dr. Spiteri xehed fl-inizzju tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghall-fini ta' talba ghall-helsien mill-arrest kif ukoll fl-ahhar tal-proceduri bhala xhud tad-difiza. Jemergi mill-ahhar intervent tax-xhud, illi huwa kien ezamina lill-appellanta meta kienet ghadha kemm issubiet it-trawma tal-mewt ta' bintha u li ma kienx segwiha wara dan. Minkejja dan jista' jghid illi l-appellanta ma kellhiex it-trobbija idejali ghaliex kien hemm problemi fil-familja u kienet diehla u hierga minn istituzzjonijiet. Jghid illi naturalment hija problema meta t-tfal irabbu lit-tfal u li s-sitwazzjoni familjari ma kienitx *conducive* ghas-sitwazzjoni tat-trobbija tat-tfal. Jikkonkludi, izda, illi "minkejja l-fatt illi kienet ghadha zghira fl-eta hija deheret illi kif taf hi kienet tipprovdi dak kollu li tista' tipprovdi ghal din it-tarbija. Partikolarment niftakar illi kienet qed tiehu hsieb biex tipprepara ghall-iskola, nursing u dawn l-affarijiet u kollox bl-ezatt, imma affarijiet li huma materjali mhux affarijiet li huma psikologici illi hemm il-bonding";

25. L-appellanta taghmel referenza ukoll ghar-rapport tas-Social Worker Antonella Spagnol. F'dan ir-rapport, Ms. Spagnol tirrakkonta kif l-appellanta kienet titkellem fit-tul maghha dwar kemm riedet gid ghall-bintha u li din kienet l-unika haga sabiha f'hajjitha. Kienet toqghod nieqsa u ticcahhad sabiex ma thalli lil bintha nieqsa minn xejn, tiddedika l-hlas tal-beneficcji socjali ghal-benessere taghha kif ukoll illi meta kienet f'qaghda finanzjarja hazina kienet waslet biex tbiegh sahansitra l-*washing machine* u kamra tas-sodda biex ikollha flus biex tghajjex lil bintha;

26. Dawn l-azzjonijiet, alkwantu lodevoli, juru illi minkejja l-eta' zghira tal-appellanta fiz-zmien daqstant sfortunat, kienet kapaci tipprovdi ghall-bintha bhal kull genitur u ma kellha l-ebda impediment li jista' b'xi mod jiskuzaha tal-azzjoni taghha. Ma hemmx

dubbju illi l-appellanta riedet l-ahjar ghall-bintha u din il-Qorti ma tistax tifhem l-argument taghha meta tghid illi "huwa ben car li l-incident sfortunat sehh, mhux ghax kien hemm xi intenzjoni da parti tal-intimata li jsehh dak li gara, jew inkella ghaliex l-imputata kienet b'xi mod jew iehor ma kinitx qeghda trabbi lil bintha bl-ahjar mod li hija setghet trabbiha, izda ghaliex l-imputata li kienet qeghda trabbi t-tarbija minghajr ghajnuna ta' hadd u li kienet qeghda titghallem trabbi gurnata b'gurnata, qatt ma setghet tipprevedi li dan l-incident tragiku u sfortunat seta' jigri. L-imputata qatt m'ghaddielha minn rasha li dan l-incident seta' jigri". Ma hemm xejn li jindika mill-varji depozizzjonijiet u mill-atti li l-appellanta ma kellhiex il-kapacita' li tipprevedi l-possibilita' li bintha tghereq fil-banju meta hallietha ghal-hin relattivament twil f'banju bl-ilma go fih kompletament wahidha waqt li kienet qed tara ma' min u x'hin ser tohrog filghaxija. U ghalhekk jirrizultaw l-elementi kollha tar-reat kif appena spjegati fil-gurisprudenza u dottrina rikaptati *supra*;

27. L-appellanta, b'mod sussidjaru, talbet it-thassir ta' dik il-parti tas-sentenza rigwardanti l-piena u ghamlet talba ghal piena jew sanzjoni aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz. Dwar dan, tajjeb li qabel xejn ikun riaffermat illi ma humiex normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata (Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubbblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubbblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza ricenti Ir-Repubbblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015). Dan il-kaz kien suggett ghal-piena ta' prigunerija ta' erba' snin. Ghalhekk il-piena erogata mill-ewwel Qorti hija fil-parametri tal-ligi u din il-Qorti ma tara ebda raguni

ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti li kienet f'qaghda li taghmel dan wara li ghexet  il-process kollu u semghet u rat *de visu* il-provi kollha in rigward;

28. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.

29. Il-Qorti ghaddiet biex tispjega mill-gdid u fi kliem car l-obbligi tal-appellanta naxxenti minn din is-sentenza.

30. Stante illi fil-mument tar-reat l-appellanta kienet minorenni, il-Qorti tordna id-divjet tal-publikazzjoni ta' isimha u kull indizzju li jista' jwassal ghall- identita' taghha.